# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**22 ta' Marzu, 1991**

**Imħallef:-**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Vassallo

**_Ragion Fattasi_ - Pussess - Tfixkil Fil-Pussess Ta' Ħwejjeġ Ħaddieħor.**

*Taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn illi jiġi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-diċitura ta' l-artikolu hija ċara u l-leġislatur ċertament ried illi jiġi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-sempliċi pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti, anke s-sempliċi drittijiet normalment kompetenti lill-persuni konċernati.*

*Il-Qorti sabet illi t-terzi kellhom il-pussess protett bl-artikolu 85 u kkonfermat is-sentenza ta' ħtija appellata.*

Il-Qorti: – Rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputat talli fis-Siġġiewi f'din l-aħħar sena bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, fixxkel lil Joseph u M'Lourdes Sciberras fil-pussess

ta' ħwejjiġhom, jew b'mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, u talli fl-istess dati u post u ħin għamel vjolazzjoni kontra l-proprjetà, billi daħal ġo kamra (*rural room*) f'ta' Brija limiti tas-Siġġiewi, proprjetà tal-istess Joseph u Maria Lourdes Scibberras;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-22 ta' Awissu 1989 li biha sabet lill-imputat ħati tal-istess akkuża u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap.9, ikkundannatu Lm25 multa;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' John Vassallo li bih talab li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibu mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni w ħtija;

*Omissis;*

Illi l-punt kardinali li jrid jiġi deċiż f'dan il-każ huwa jekk verament l-miżżewġin Scibberras kellhomx xi pussess li għandu jiġi kunsiderat protett bl-artikolu 85 tal-Kap. 9;

Din il-Qorti naturalment tapprezza li hemm diverġenza assoluta bejn il-versjonijiet mogħtija mill-partijiet fil-kawża;

Minn eżami akkurat u apprezzament tal-provi, partikolarment waqt il-konfront quddiem din il-Qorti stess, din il-Qorti hi pronta li temmen li l-miżżewġin Scibberras kienu jutilizzaw il-kamra in kwistjoni għall-iskopijiet li huma semmew meta din kien ikollha l-bieb miftuħ u konsegwentement kien tkun aċċessibbli għalihom;

Taħt l-artikolu 85 ma hemm ebda bżonn illi jiġi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-diċitura tal-artikolu hija ċara u l-leġislatur ċertament ried illi jiġi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-sempliċi pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti, anki s-sempliċi drittijiet normalment kompetenti lill-persuni konċernati;

Il-Qorti rat f'dan ir-rigward is-sentenzi fil-kawżi Pulizija vs. Carmen Farrugia deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1986, Pulizija vs. Mario Camilleri deċiża fit-31 ta' Lulju, 1987, kif ukoll il-kawża Pulizija vs. Joseph Galea deċiża fis-27 ta' Ġunju, 1988 fejn anki l-jedd għall-ilma ġie deċiż li kien ikun protett kieku l-Qorti sabet li l-persuna li għamlet ir-rapport kienet qabel fil-pussess ta' tali jedd;

Fil-kawża Pulizija vs. Carmel Farrugia, deċiża fit-28 ta' Lulju, 1988, it-tnaqqis ta' żewġ pulzieri minn mogħdija li kienet tagħti aċċess għal bir ġie ukoll kunsiderat bħala inkwadranti f'din il-figura legali;

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma' din l-interpretazzjoni billi jidhrilha li din tirriżulta bħala l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu *de quo*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata.